38, Triq l-Ordinanza, Il-Belt Valletta VLT 1021
Email: social.security@gov.mt
Websajt: www.socialsecurity.gov.mt
Freephone 153

# Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċju (Jaħdem għal Rasu)

## Ħarsa ġenerali

Benefiċjarji ta' Assistenza Soċjali li jibdew jaħdmu bi qligħ jistgħu jagħżlu l-iskema ta' Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċju jew jaqilgħu tal-inqas il-Paga Minima Nazzjonali jew aktar u jekk ikunu rċevew Assistenza Soċjali jew Għajnuna tal-Qgħad għal mill-inqas sena fl-aħħar 3 snin.

## X'se tingħata

Ir-rata tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċju mogħtija hija persentaġġ ta' l-aħħar rata ta' Benefiċċju Soċjali mogħti bl-esklużjoni ta' *bonuses*:

- 65% tar-rata tal-benefiċċju għall-ewwel sena
- 45% tar-rata tal-benefiċċju għat-tieni sena
- 25% tar-rata tal-benefiċċju għat-tielet sena

Il-benefiċjarji jitħallsu bil-quddiem kull 4 ġimgħat.

Tista' tagħmel użu minn Kalkulatur onlajn sabiex tagħmel stima għall-intitolament tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji.

## Eliġibbiltà

Kriterji ta' eliġibbiltà ġenerali:

Applikant li beda jaħdem f'impjieg full-time u li jaqla' mhux inqas mill-Paga Minima Nazzjonali, u li kien qed jirċievi benefiċċju mhux kontributorju għal perjodu ta' sena fl-aħħar 3 snin.

## Kif tapplika

Imla u ibgħat l-applikazzjoni onlajn.